IL-KNISJA F'MALTA



27 ta' Novembru 2015
132/2015

**KAPPILLAN ĠDID GĦALL-PARROĊĊA TA' SAN FRANĠISK T'ASSISI, IL-QAWRA**

L-Arċisqof Charles J. Scicluna ħatar lil Patri William Bartolo OFM Conv. bħala kappillan tal-Parroċċa ta' San Franġisk t'Assisi, il-Qawra.

Patri William twieled fid-9 ta' Jannar 1958, il-Furjana. Huwa rċieva l-edukazzjoni primarja fl-iskola tal-Furjana, l-edukazzjoni sekondarja fl-iskola Sir Temi Zammit, in-Naxxar u wara ħadem ukoll fil-qasam turistiku. Daħal mal-patrijiet fil-15 ta' Settembru 1981. Kompla l-istudji terzjarji (Filosofija u Teoloġija) fl-INSERM, is-Seminarju, u l-Università ta' Malta.

Patri William kien ordnat saċerdot fis-6 ta' Lulju 1990. Serva bħala gwardjan tal-kunventi ta' San Franġisk il-Belt Valletta u Birkirkara.

Il-Parroċċa tal-Qawra tiġbor fiha madwar 7,080 persuna f'2,500 familja.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org